



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.9.2016
COM(2016) 622 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara
applikazzjoni mill-Estonja - EGF/2016/003 EE/petroleum and chemicals**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli li japplikaw għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹ (ir-'Regolament tal-FEG').
2. Fil-11 ta' Mejju 2016, l-Estonja ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2016/003 EE/petroleum and chemicals biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara xi sensji² li seħħew fis-setturi ekonomiċi kklassifikati taħt NACE Reviżjoni 2 Diviżjoni 19 (Manifatturar tal-kokk u tal-prodotti tal-petroleum raffinat) u Diviżjoni 20 (Manifatturar tal-kimiċi u tal-prodotti kimiċi) fl-Estonja.
3. Wara li vvalutat din l-applikazzjoni, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha tar-Regolament tal-FEG, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma ssodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

L-applikazzjoni tal-FEG	EGF/2016/003 EE/petroleum and chemicals
Stat Membru	L-Estonja
Ir-reġjun(i) ikkonċernat(i) (livell NUTS ³ 2)	EE00- Eesti ⁴
Id-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni	il-11 ta' Mejju 2016
Id-data ta' konferma tal-wasla tal-applikazzjoni	il-11 ta' Mejju 2016
Id-data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	il-25 ta' Mejju 2016
Id-data ta' skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	is-6 ta' Lulju 2016
Id-data ta' skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	it-28 ta' Settembru 2016
Il-kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-FEG
L-għadd ta' intrapriżi kkonċernati	3
Is-settur(i) tal-attività ekonomika (Id-Diviżjoni NACE Reviżjoni 2) ⁵	Id-Diviżjoni 19 (Manifattura tal-kokk u tal-prodotti tal-petroleum raffinat) Id-Diviżjoni 20 - (Manifattura tal-

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

² Skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-FEG.

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trażmissjoni tas-serje kronoloġiċi għat-tqassim reġjonali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34).

⁴ Ir-Repubblika tal-Estonja mhijiex maqsuma f'reġjuni tal-livell NUTS 2.

⁵ ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

	kimiċi u tal-prodotti kimiċi)
Il-perjodu ta' referenza (disa' xhur):	1-1 ta' Awissu 2015 – 1-1 ta' Mejju 2016
Għadd totali ta' sensji	1 550
Għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli:	1 550
Għadd totali ta' benefiċjarji fil-mira	800
Għadd ta' zgħażaġh fil-mira barra mill-impjeg, edukazzjoni jew taħriġ (NEETs):	0
Baġit għas-servizzi personalizzati (EUR)	1 740 070
Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG ⁶ (EUR)	145 527
Baġit totali (EUR):	1 885 597
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 %) (EUR)	1 131 358

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Proċedura

4. Fil-11 ta' Mejju 2016 l-Estonja ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2016/003 EE/petroleum and chemicals fi 12-il ġimgħa mid-data li fiha l-kriterji għall-intervent stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-FEG ġew issodisfati. Il-Kummissjoni irrikonossiet il-wasla fil-11 ta' Mejju 2016, u talbet informazzjoni addizzjonali mill-Estonja fil-25 ta' Mejju 2016. Din l-informazzjoni addizzjonali ngħatat fi żmien sitt ġimgħat mit-talba. L-iskadenza ta' 12-il ġimgħa minn meta waslet l-applikazzjoni kompluta, li fihom il-Kummissjoni għandha tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja, tiskadi fit-28 ta' Settembru 2016.

L-eliġibbiltà tal-applikazzjoni

L-intrapriżi u l-benefiċjarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni tikkonċerna 1 550 ħaddiem li ngħataw is-sensja fis-setturi ekonomiċi kklassifikat taħt NACE Reviżjoni 2 Diviżjoni 19 (Manifatturar tal-kokk u tal-prodotti tal-petroleum raffinat) u Diviżjoni 20 (Manifatturar tal-kimiċi u tal-prodotti kimiċi).

L-intrapriżi u l-għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza		
Eesti Energia AS		532
Nitrofert AS		421
Viru Keemia Grupp AS (VKG)		597
Għadd totali ta' intrapriżi: 3	Għadd totali ta' sensji:	1 550
Għadd totali ta' persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet:		0
Għadd totali ta' ħaddiema u persuni li jaħdmu għal rashom		1 550

⁶ F'konformità mar-raba' paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

L-intrapriżi u l-għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza

eliġibbli:

Il-kriterji ta' intervent

6. L-Estonja ppreżentat l-applikazzjoni skont il-kriterju ta' intervent tal-Artikolu 4(2) li jidderoga mill-kriterju tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament tal-FEG, li jeħtieġ li mill-inqas 500 ħaddiem jingħataw is-sensja fuq perjodu ta' referenza ta' disa' xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess settur ekonomiku definit fil-livell ta' Diviżjoni tal-NACE Reviżjoni 2 u li jinsabu f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi li huma definiti fil-livell NUTS 2 fi Stat Membru.
7. Il-perjodu ta' referenza ta' disa' xhur tal-applikazzjoni jibda mill-1 ta' Awwissu 2015 u jibqa' għaddej sal-1 ta' Mejju 2016.

Il-kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività

8. Is-sensji mogħtija matul il-perjodu ta' referenza ġew ikkalkulati kif ġej:
 - 689 mid-data li fiha l-impjegatur, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE⁷, innotifika bil-miktub lill-awtorità pubblika kompetenti bis-sensji kollettivi ppjanati. L-Estonja kkonfermat qabel id-data tat-tlestija tal-valutazzjoni mill-Kummissjoni, li dawn is-689 sensja saru tabilħaqq,
 - 471 mid-data tal-avviż individwali tal-impjegatur biex ikeççi jew itemm il-kuntratt ta' impjeg tal-ħaddiem,
 - 390 mid-data tat-terminazzjoni *de facto* tal-kuntratt ta' impjeg jew l-iskadenza tiegħu;

Il-benefiċjarji eliġibbli

9. L-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 1550.

Rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni

10. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni, l-Estonja tisħaq li l-pajjiż huwa ekonomija miftuħa żgħira b'livell għoli ta' dipendenza mill-esportazzjoni ta' oġġetti u servizzi (madwar 80 % tal-PDG fl-2015, meta mqabbel ma' 43.5 % fl-UE28). L-ekonomija Estonjana bagħtiet ferm minħabba t-turbolenzi riċenti fis-suq globali taż-żejt u minħabba li b'mod ġenerali l-pożizzjoni tal-kummerċ internazzjonali tal-Ewropa marret lura. Il-Kontea ta' Ida-Virumaa, fil-Grigal tal-Estonja, intlaqtet b'mod partikolarment aħrax, mhux biss minħabba l-pożizzjoni ġeopolitika remota tagħha fuq il-fruntiera Russa, iżda b'mod speċjali minħabba konċentrazzjoni għolja ta' industriji li jiddependu mill-prezzijiet taż-żejt u tal-gass f'din iż-żona. Iż-żewġ setturi li huma soġġetti għal din l-applikazzjoni ġew affettwati b'modi differenti.
11. F'dak li jirrigwarda s-settur tal-manifatturar tal-kimiċi u tal-prodotti kimiċi, il-produzzjoni ta' fertilizzanti minerali hija intensiva ħafna mil-lat enerġetiku (il-prezzijiet tal-gass jammontaw għal-80 % tal-ispejjeż totali tal-produzzjoni). Minħabba ż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-gass naturali, ir-reġjuni tal-gass bi prezz

⁷

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16).

baxx il-barra mill-Ewropa għandhom vantaġġ kompetittiv u l-fertilizzanti jistgħu jiġu prodotti bi prezzijiet ħafna aktar baxxi minn dawk Ewropej. Standards ambjentali ogħla kellhom effetti negattivi ulterjuri fuq il-kompetittività tas-settur fl-Ewropa. Is-sehem tal-UE fil-produzzjoni globali tal-prodotti kimiċi naqas minn 30,9 fil-mija fl-2004 għal 17 % fl-2014. L-UE bil-mod il-mod tilfet il-pożizzjoni tagħha fil-quċċata tal-bejgħ globali ta' prodotti kimiċi minħabba li ċ-Ċina żiedet is-sehem tagħha minn 9 % għal kważi 35 % fl-istess żmien. Il-kumpliment tal-Asja wkoll kiseb sehem mis-suq, bħall-Istati Uniti, fejn id-disponibbiltà ta' gass tax-shale irħis ippermetta produzzjoni relattivament irħisa wkoll⁸.

12. F'dak li jirrigwarda l-manifattura tal-kokk u tal-prodotti tal-petroleum raffinat, speċjalment fl-industrija taż-żejt tax-shale, il-produzzjoni taż-żejt tax-shale tiddependi mill-prezzijiet taż-żejt globali. Billi l-produzzjoni taż-żejt tax-shale hija komparattivament intensiva mil-lat tal-ispejjeż, il-produzzjoni hija biss ekonomikament vijabbli meta l-prezzijiet taż-żejt ikunu għoljin⁹. Skont l-Uffiċċju tal-Istatistika Estonjan, minħabba li prezzijiet taż-żejt qegħdin dejjem jitbaxxew, l-esportazzjoni Estonjana ta' karburanti minerali naqset b'25 % matul l-ewwel xahrejn tal-2016 meta mqabbla mal-istess perjodu tas-sena preċedenti.
13. Sal-lum il-ġurnata, il-manifatturar tal-kokk u tal-prodotti tal-petroleum raffinat għadu qatt ma ġie soġġett għal applikazzjoni tal-FEG. Saret applikazzjoni waħda tal-FEG¹⁰, dwar is-settur tal-manifatturar tal-kimiċi u tal-prodotti kimiċi u din kienet ibbażata fuq il-globalizzazzjoni relatata mal-kummerċ.

L-avvenimenti li wasslu għas-sensji u għall-waqfien tal-attività

14. F'Lulju 2015, Nitrofert, kumpanija li tipproduċi l-ammonja u l-urea sintentiċi għalqet l-impjant tal-produzzjoni tagħha. Din id-deċiżjoni saret minħabba żieda sinifikanti fil-prezzijiet tal-gass naturali, u tnaqqis fil-prezzijiet tal-fertilizzanti minerali kkawżat l-aktar minn kompetizzjoni globali intesifikata, primarjament mill-kompetituri Ażjatiċi. Nitrofert kienet ilha tissielet mill-2009, minn meta ttieħdet l-ewwel deċiżjoni li l-produzzjoni tiġi interrotta. Wara, il-produzzjoni ssoktat, iżda twaqqfet mill-ġdid wara sena waħda biss. Peress li ma kien hemm l-ebda sinjal ta' titjib possibbli tas-sitwazzjoni, ittieħdet id-deċiżjoni li jiġu tterminati l-kuntratti ta' impjeg tal-421 impjegat issensjati.

F'Ottubru 2015, Eesti Energia, il-kumpanija ewlenija tal-enerġija fl-Istati Baltiċi u l-ikbar kumpanija fid-dinja li taħdem biż-żejt tax-shale, iddeċiediet li tnaqqas il-produzzjoni taż-żejt tax-shale minħabba tnaqqis drammatiku fil-profitti kkawżat minn prezzijiet irħas taż-żejt. Din id-deċiżjoni rriżultat fi tmiem kollettiv tal-kuntratti tax-xogħol ta' 114-il impjegat. Fix-xhur segwenti, 418-il ħaddiem ieħor ingħataw is-sensja.

It-tielet intrapriża soġġetta għall-applikazzjoni hija ta' Viru Keemia Grupp (VKG), produttor ieħor taż-żejt tax-shale f'Ida-Virumaa, li qed jiffaċċa problemi simili kkawżati mit-tnaqqis fil-prezzijiet taż-żejt. VKG għalqet impjant f'Jannar 2016 li rriżulta fis-sensja ta' 597 ħaddiem.

⁸ <http://fr.zone-secure.net/13451/186036/publication/contents/pdfweb.pdf>

⁹

http://www.energiatalgud.ee/img_auth.php/6/64/EY_Estonian_oil_shale_mining_and_oil_production_macroecomic_impacts_study.pdf

¹⁰

FEG/2013/009 PL/Zachem

L-impatt mistenni tas-sensji fuq l-ekonomija u l-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali

15. L-impatt tas-sensji fuq l-ekonomija u l-impjiegi lokali u reġjonali huwa mistenni li jkun sinifikanti. It-tnaqqis f'daqqa tal-produzzjoni taż-żejt tax-shale għandu effetti konsegwenzjali fuq setturi oħra bħas-settur tal-enerġija, tal-manifattura, tal-minjieri u tal-barrieri. Fil-minjieri, il-produzzjoni naqset b' 40 % minħabba t-tnaqqis fl-estrazzjoni taż-żejt tax-shale ikkawżat mill-prezz baxx taż-żejt u tal-prodotti taż-żejt tax-shale.
16. Il-kontea ta' Ida-Virumaa qed tiffaċċa sfidi konsiderevoli minħabba l-pożizzjoni u d-demografija tagħha. Din tinsab f'żona pjuttost remota fil-Grigal tal-Estonja, eżatt ħdejn il-Baħar Baltiku, madwar 200 kilometru fil-Lvant tar-reġjun kapitali prosperuż — distanza 'l bogħod wisq għall-ivjaġġar. Ir-reġjun jinsab mal-fruntiera tal-Federazzjoni Russa lejn il-Lvant. Minħabba l-pagi baxxi fir-Russja, is-sitwazzjoni ekonomika attwali fir-Russja, u r-restrizzjonijiet tal-permessi tax-xogħol, l-ivvjaġġar transkonfinali lanqas ma huwa alternattiva. Il-kontej li jmissu direttament mal-Punent u man-Nofsinhar huma skarsament popolati u huma żoni agrarji. Madankollu, Ida-Virumaa, hija l-aktar reġjun urbanizzat fl-Estonja. Aktar minn 80 % tal-popolazzjoni jgħixu fi bliet, li ħafna drabi huma insedjamenti mono-kulturali ffurmati madwar wieħed jew tnejn mill-impjanti kbar ta' produzzjoni.
17. Madwar 80 % tal-abitanti tal-kontea ta' Ida-Virumaa huma etnikament Russi li bdew jgħixu fl-inħawi matul iż-żminijiet Sovjetiċi, minħabba x-xogħol li nħoloq permezz tal-impjanti industrijali ġodda Sovjetiċi stabbiliti dak iż-żmien. Ħafna minn dawn il-persuni ma għandhomx ċittadinanza Estonjana u għadhom jitkellmu bir-Russu bħala l-ewwel u l-unika lingwa tagħhom.
18. Wara l-indipendenza, ir-reġjun iltaqa' ma' sfidi speċifiċi għas-suq tax-xogħol minħabba l-kollass jew ir-ristrutturar ta' impjanti industrijali kbar stabbiliti matul iż-żmien tal-okkupazzjoni Sovjetika. Dan irriżulta f'rati ta' qgħad ogħla b'mod sinifikanti fir-reġjun (bi 11.7 % fl-2015 fir-reġjun meta mqabbla ma' 6.2 % tal-medja nazzjonali). Minħabba li r-Russu ma huwiex lingwa uffiċjali fl-Estonja, huma biss dawk li jafu sew l-Estonjan li għandhom il-possibilità li jsibu impjeg f'reġjuni oħra tal-Estonja, jew f'intrapriżi ġodda li jinvestu f'Ida-Virumaa. In-nuqqas ta' għarfien tal-lingwa nazzjonali, flimkien mal-ostakoli kulturali, huwa wieħed mill-akbar ostakoli għall-ħaddiema li jingħataw is-sensja biex isibu impjeg f'postijiet oħra fil-pajjiż, iżda wkoll għall-kumpaniji li jixtiequ jinvestu fir-reġjun jew fin-nies li jmorru jgħixu fih.
19. Il-popolazzjoni tar-reġjun li kienet 150 000 fl-2015 tammonta biss għal 9.5 % tal-forza tax-xogħol nazzjonali, iżda għal 17.3 % tal-persuni qiegħda fl-Estonja. Meta wieħed jikkunsidra s-sitwazzjoni ġenerali diffiċli tal-impjiegi fir-reġjun, inkluż l-għadd limitat ta' vakanzi ta' impjeg disponibbli (ir-rata tal-vakanzi ta' impjeg, bħala parti mill-vakanzi ta' impjeg fl-għadd totali ta' impjiegi, f'Ida-Virumaa kienet ta' 0.8 %, meta mqabbla ma' 1.2 % bħala medja fl-Estonja fl-aħħar tliet xhur tal-2015)¹¹, is-sensji kollettivi tal-ħaddiema bi profili tekniċi relattivament simili li jkunu qed ifittxu impjeg simili jikkomplikaw l-irkupru tas-suq tax-xogħol.
20. Tfasslet strateġija ta' żvilupp reġjonali u din hija deskritta fil-Pjan ta' Azzjoni f'Ida-Virumaa għall-perjodu 2015–2020¹². Il-loġistika u t-turiżmu ġew identifikati bħala

¹¹ <http://pub.stat.ee/px-web.2001/Dialog/varval.asp?ma=WSV014&lang=1>

¹² https://www.siseministerium.ee/sites/default/files/dokumentid/Arengukavad/ida-virumaa_tegevuskava_2015-2020_26.02.15.pdf

setturi ta' tkabbir potenzjali, u tnedew proġetti infrastrutturali sabiex tingħata spinta lit-tkabbir u tiġi ffurmata bażi għad-diversifikazzjoni tal-istruttura ekonomika. Setturi oħra fejn hemm potenzjal li jinħolqu impjiegi ġodda huma l-produzzjoni tal-injam, il-metalli u l-materjali tal-kostruzzjoni. Il-pakkett propost ta' miżuri personalizzati li se jkunu kofinanzjat mill-FEG jappoġġja bis-sħiħ il-pjan ta' azzjoni billi joffri miżuri ta' taħriġ immirati biex il-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja jkunu jistgħu jibdew jaħdmu mal-ewwel f'dawn is-setturi ta' tkabbir.

Spjegazzjoni taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jirfdu l-ammissibbiltà tal-applikazzjoni

21. Kif stabbilit hawn fuq, minħabba l-post remot u s-sitwazzjoni unika demografika, Ida-Virumaa tista' titqies bħala suq żgħir tax-xogħol. L-Estonja rraġunat ukoll li applikazzjoni skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-FEG xorta waħda kellha tiġi ppreżentata fir-rigward tas-settur tal-manifatturar tal-kimiċi u tal-prodotti kimiċi. F'dan is-settur, kumpanija waħda biss kienet ikkonċernata, iżda l-għadd ta' sensji ma laħaqx il-limitu biex tkun tista' issir applikazzjoni skont l-Artikolu 4(1)(a). Minkejja li s-sensji seħħew f'żewġ setturi ekonomiċi differenti definiti fil-livell tad-Diviżjonijiet tal-NACE Reviżjoni 2, minflok ma ppreżentat żewġ applikazzjonijiet separati, l-Estonja ddeċidiet li tgħaqqad is-sensji f'applikazzjoni reġjonali waħda, minħabba li s-sensji seħħew fl-istess post, matul l-istess żmien u involvew ħaddiema ssensjati b'kuntasti simili ħafna. Għalhekk, applikazzjoni li b'mod eċċezzjonali tikkombina s-sensji f'żewġ setturi differenti, mingħajr rabta diretta bejn is-sensji, iżda li kollha seħħew fl-istess suq tax-xogħol żgħir u fl-istess ħin, mhux biss tnaqqas il-piż amministrattiv, iżda toffri effetti ta' sinerġija, u dan jippermetti li jiġu organizzati miżuri konġunti għall-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja fiż-żewġ setturi.

Il-benefiċjarji fil-mira u l-azzjonijiet proposti

Il-benefiċjarji fil-mira

22. L-għadd stmat ta' ħaddiema mogħtija s-sensja li mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa ta' 800. Ir-raġuni ewlenija għall-għadd relattivament baxx ta' benefiċjarji fil-mira hija li l-miżuri għandhom jimmiraw lejn daww il-ħaddiema ssensjati li kienu ġew identifikati bħala partikolarment vulnerabbli fis-suq tax-xogħol. Xi wħud mill-ħaddiema kienu ddikjaraw li ma kinux disponibbli biex jipparteċipaw f'dawn il-miżuri. Minħabba ż-żmien li laħaq għadda bejn l-ewwel sensji u l-bidu tal-miżuri, l-Estonja taħseb li xi wħud min-nies li huma inqas vulnerabbli se jkunu laħqu sabu impjieg qabel il-bidu tal-miżuri. Il-ħaddiema mistennija li jipparteċipaw fil-miżuri huma maqsuma skont is-sess, iċ-ċittadinanza u l-grupp ta' età kif ġej:

Kategorija		Għadd ta' benefiċjarji fil-mira (perċentwali arrotondati għall-ewwel punt deċimali)	
Sess:	Irġiel:	565	(70,6 %)
	Nisa:	235	(29,4 %)
Ċittadinanza:	ċittadini tal-UE:	294	(36,8 %)
	mhux ċittadini tal-UE:	506	(63,3 %)

Grupp ta' età:	15-24 sena:	31	(3,9 %)
	25-29 sena:	47	(5,9 %)
	30-54 sena:	380	(47,5 %)
	55-64 sena:	334	(41,8 %)
	iktar minn 64 sena:	8	(1 %)

Eliġibbiltà tal-azzjonijiet proposti

23. Is-servizzi personalizzati li jridu jiġu pprovduti lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja jikkonsistu mill-azzjonijiet li ġejjin:
- Appoġġ għal Studji Formali- Ħlas tal-Ispiża tat-Taħriġ: Din il-miżura hija mmirata lejn persuni qiegħda li jibdew jew ikomplu l-istudji formali tagħhom biex jiffinalizzaw l-edukazzjoni, it-titjib fil-ħiliet u t-taħriġ. It-tul ta' żmien massimu previst huwa ta' sentejn u nofs (2.5).
 - Rimborż tal-Ispejjeż tat-Taħriġ għall-Impjegaturi: Dan japplika jekk impjegatur jimpjega wieħed mill-benefiċjarji fil-mira. Il-Fond tal-Assigurazzjoni tal-Qgħad (il-PES) jista' (skont ftehim minn qabel mal-impjegatur) jirrimborża 50 % tal-ispejjeż tat-taħriġ, iżda mhux aktar minn EUR 1 250. Il-korsijiet tat-taħriġ iridu jsiru matul il-perjodu ta' implimentazzjoni. Din il-miżura tinkludi wkoll l-ispiża biex tinkiseb il-prova tal-kwalifika.
 - Taħriġ fis-Suq tax-Xogħol: Din il-miżura ddum sa sena (1) iżda l-korsijiet jridu jitlestew sa tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni. Dawn il-korsijiet mhux biss se jipprovdu taħriġ vokazzjonali ffokat fuq il-kisba ta' ħiliet speċifiċi iżda wkoll fuq il-kisba ta' ħiliet ġenerali jew personali (jiġifieri, ħiliet ta' kompetenza fl-użu tal-kompjuter, taħriġ fl-intraprenditorija). Mhux se jkun possibbli li l-istess persuna tipparteċipa fil-korsijiet tat-taħriġ fis-suq tax-xogħol u fl-istudji formali. Il-miżura tat-taħriġ fis-suq tax-xogħol tinkludi l-ispiża biex tinkiseb il-prova tal-kwalifika, inklużi ċertifikati ta' kompetenza vokazzjonali jew liċenzja tas-sewqan u se tkopri wkoll l-ispejjeż relatati mat-tariffi tal-Istat biex dawn jinkisbu.
 - Taħriġ fil-Lingwa Estonjana: il-benefiċjarji kollha fil-mira se jkunu eliġibbli biex jipparteċipaw fit-taħriġ, inklużi dawk li jkunu sabu xogħol ġdid diġà iżda għad iridu jtejbju l-ħiliet lingwistiċi Estonjani sabiex isibu impjieg sostenibbli.
 - Il-Prattika tax-Xogħol: timmira lejn il-provvediment ta' esperjenza Prattika lill-benefiċjarji fil-mira. Hija pprovduta mill-impjegaturi bl-għan li jittejbju l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa għad-dħul mill-ġdid fis-suq tax-xogħol malajr kemm jista' jkun.
 - Konsulenza dwar id-Dejn: l-għan ewlieni huwa li wieħed jitgħallem kif għandu jkampa f'sitwazzjoni fejn ikollu inqas dħul u obbligi finanzjarji sostanzjali. Huwa importanti għall-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol u l-aċċetazzjoni ta' impjieg ġdid fejn is-salarju jista' jkun aktar baxx.

- Konsulenza Psikoloġika: din il-miżura toffri servizzi ta' konsulenza psikoloġika li jgħinu biex jiġu eliminati sfidi personali u l-barrieri għall-impjieg li l-ħaddiema ssensjati jista' jkun li jiffaċċjaw.
 - Finanzjament tal-Istudju li għandu x'jaqsam mal-parteċipazzjoni fi studji formali: Matul l-istudji kull parteċipant se jirċievi finanzjament tal-istudju ta' EUR 260 kull xahar. Biex il-persuni jkunu mmotivati jibdeu u/jew ikomplu l-istudji formali, l-allowance għall-istudju se titħallas matul il-perjodu sħiħ tal-istudji, iżda sal-aħħar tal-perjodu ta' implimentazzjoni biss. Din ir-rata tonqos għal EUR 130 kull xahar f'każ li parteċipant isib impjieg, iżda jkun jixtieq ilesti l-istudji apparti x-xogħol ukoll.
 - Borża ta' Studju, Benefiċċju għat-Trasport u għall-Akkomodazzjoni għat-Taħriġ fil-Lingwa Estonjana: fil-każ li t-taħriġ fil-lingwa jingħata lil persuna qiegħda, se jingħataw borża ta' studju kif ukoll benefiċċju għat-trasport u għall-akkomodazzjoni.
 - Allowance tal-Mobilità: Din tingħata lil daww qiegħda li għadhom ma sabux impjieg addattat, qrib darhom u/jew daww li jaħdmu mill-inqas 20 kilometru 'l bogħod mir-residenza tagħhom. Din l-allowance titħallas matul l-ewwel sitt xhur (6) wara li jinbeda xogħol ġdid, iżda mhux aktar mit-tul ta' żmien tal-proġett. Fil-każ ta' kuntratt għal żmien determinat, l-allowance titħallas matul l-ewwel sitt xhur (6), iżda ma tistax titħallas għal aktar min-nofs tat-tul tal-kuntratt. Ir-rata tal-allowance hija ta' EUR 0,1 għal kull kilometru, iżda mhux mhux aktar minn EUR 300 kull xahar. Il-ħlasijiet huma kkalkulati abbażi tal-iqsar distanza bejn il-post ta' residenza u l-post tax-xogħol.
24. L-azzjonijiet proposti deskritti hawnhekk jikkostitwixxu miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-FEG. Dawn l-azzjonijiet ma jissostitwixxux miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
25. L-Estonja pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar l-azzjonijiet li huma obbligatorji għall-impriża kkonċernata permezz tal-liġi nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi. Huma kkonfermaw li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma tissostitwixxix dawn l-azzjonijiet.
26. Il-pakkett ta' miżuri proposti huwa konformi mal-ħtiġijiet identifikati fl-istrateġija għall-iżvilupp reġjonali Estonjana 2014–2020¹³ kif ukoll fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Ida-Virumaa 2015–2020¹⁴. L-Estonja tiddikjara wkoll li l-pakkett koordinat ta' miżuri huwa kompatibbli mal-bidlalejn ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u sostenibbli u juri potenzjal kbir biex dan jiġi ffaċilitat.

Il-baġit stmat

27. L-ispejjeż totali stmati huma ta' EUR 1 885 597, li jinkludu nefqa ta' EUR 1 740 070 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 145 527 għal attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar. L-Estonja tiddikjara li se tkun hija stess li se ġġarrab kważi n-nefqa kollha għall-miżuri preparatorji u għall-informazzjoni u l-pubbliċità.
28. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 1 131 358 (60 % tal-ispejjeż totali).

¹³ https://www.siseministerium.ee/sites/default/files/dokumentid/eesti_regionaalarengu_strategia_2014-2020.pdf

¹⁴ https://www.siseministerium.ee/sites/default/files/dokumentid/Arengukavad/ida-virumaa_tegevuskava_2015-2020_26.02.15.pdf

Azzjonijiet	Għadd stmat ta' parteċipanti	Spiża stmata għal kull parteċipant (arrotondati) (EUR)	Spejjeż totali stmati (f'EUR)
Servizzi personalizzati (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(a) u (c) tar-Regolament tal-FEG)			
Appoġġ għall-Istudji Formali- Pagament tal-Ispiża tal-Istudji Formali	47	5 750	270 250
Rimborż tal-Ispejjeż ta' Taħriġ għall-Impjegaturi	129	338	43 661
Taħriġ fis-Suq tax-Xogħol	379	851	322 704
Taħriġ fil-Lingwa Estonjana	451	944	425 523
Prattika tax-Xogħol	273	649	177 117
Konsulenza dwar id-Dejn	51	116	5 901
Konsulenza Psikoloġika	50	416	20 791
Subtotal (a): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati	-		1 265 947 (72,75 %)
Allowances u inċentivi (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG)			
Finanzjament tal-Istudju li għandu x'jaqsam mal-Parteċipazzjoni fi Studji Formali	47	4 181	196 521
Borża ta' studju, Benefiċċju għat-Trasport u għall-Akkomodazzjoni għat-Taħriġ fil-Lingwa Estonjana:	301	393	118 177
Allowance tal-Mobilità	175	911	159 425
Subtotal (b): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati:	-		474 123 (27,25 %)
Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-FEG			
1. Attivitàjiet preparatorji	-		100
2. Ġestjoni	-		109 635
3. Informazzjoni u pubbliċità	-		400

4. Kontroll u rapportar	–	35 392
Subtotal (c):		145 527
Perċentwal tal-ispejjeż totali:	–	(7,7 %)
L-ispejjeż totali (a + b + c):	–	1 885 597
Kontribuzzjoni mill-FEG (60 % tal-ispejjeż totali)	–	1 131 358

29. L-ispejjeż tal-azzjonijiet identifikati fit-tabella ta' hawn fuq b'ħala azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG ma jaqbżux il-35 % tal-ispejjeż totali tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati. L-Estonja kkonfermat li dawn l-azzjonijiet huma kundizzjonali fuq il-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira fattivitajiet ta' tfittxija ta' impjiegi jew taħriġ.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

30. L-Estonja bdiet tipprovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fl-1 ta' Lulju 2016. Għalhekk, in-nefqa fuq l-azzjonijiet se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Lulju 2016 sal-1 ta' Lulju 2018, bl-eċċezzjoni ta' studji formali li jdumu aktar minn sentejn, fejn se tkun eliġibbli sal-1 ta' Jannar 2019.
31. L-Estonja bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva biex timplimenta l-FEG fil-11 ta' Mejju 2016. In-nefqa fuq l-attivitajiet ta' thejjiya, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-11 ta' Mejju 2016 sal-1 ta' Jannar 2019.

Komplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

32. Is-sors tal-kofinanzjament nazzjonali huwa l-Fondazzjoni tas-servizzi u l-benefiċċji tas-suq tax-xogħol, li minnu l-Fond tal-Assigurazzjoni Estonjan tal-Qgħad (il-PES) qed jipprovdi miżuri attivi għas-suq tax-xogħol fl-Estonja. B'ħala sors ta' prefinanzjament, hemm aktar fondi disponibbli fil-baġit tal-Istat.
33. L-Estonja kkonfermat li l-miżuri deskritti hawn fuq li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhux se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni.

Proċeduri għal konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew ir-rappreżentanti tagħhom jew is-sħab soċjali kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali

34. L-Estonja indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha inklużi s-sħab soċjali, l-intrapriżi u servizzi pubbliċi tal-impjiegi. Fil-15 ta' Frar 2016, it-trejdjunjins u l-assoċjazzjoni tal-impjegaturi ta' Ida-Virumaa organizzaw diskussjoni biex jiddiskutu soluzzjonijiet potenzjali għall-kriżi li għadha għaddejja. Imbagħad, fil-bidu ta' April 2016, saret laqgħa fil-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali, fejn ġiet diskussa l-possibbiltà ta' applikazzjoni għal kofinanzjament tal-FEG. Il-parteċipanti f'din il-laqgħa ta' livell għoli kienu r-rappreżentanti tal-Konfederazzjoni tat-Trejdjunjins Estonjani, tal-Konfederazzjoni Estonjana tal-Impjegaturi, tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u tal-Komunikazzjoni, u kif ukoll tal-Fond tal-Assigurazzjoni Estonjan tal-Qgħad (il-PSE). Laqgħa oħra mbagħad ġiet organizzata fil-livell reġjonali ta' Ida-Virumaa li nvolviet l-atturi reġjonali rilevanti kollha.

Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

35. L-applikazzjoni fiha deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. L-Estonja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita mill-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali fid-Dipartiment tal-Ġestjoni tal-Istrateġija u tal-Baġit bħala l-Awtorit  ta' Ġestjoni (MA) tal-FEG, mill-Ministeru tal-Finanzi fid-Dipartiment tal-Kontroll Finanzjarju bħala l-Awtorit  tal-Awditjar (AA) tal-FEG u mill-Ministeru tal-Finanzi fid-Dipartiment tal-Pagamenti tal-Unjoni Ewropea bħala l-Awtorit  ta'  ertifikazzjoni (CA) tal-FEG. Xi funzjonijiet tal-awtorit  ta' ġestjoni se jiġu ddelegati lil fondazzjoni Innove bħala Korp Intermedju (IB) tat-tieni livell.

L-impenji mogħtija mill-Istat Membru kkonċernat

36. L-Estonja pprovdiet l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa rigward dawn li ġejjin:
- il-prinċipji tal-ugwaljanza tat-trattament u ta' nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fil-kuntest tal-aċċess għall-azzjonijiet proposti u l-implimentazzjoni tagħhom;
 - ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew issodisfatti;
 - l-intrapriżi li taw is-sensji, li komplew bl-attivitajiet tagħhom wara s-sensji, ikkonformaw mal-obbligi legali tagħhom li jirregolaw is-sensji u pprovdew għall-ħaddiema tagħhom kif xieraq,
 - l-azzjonijiet proposti mhumiex se jirċievu għajjnuna finanzjarja minn fondi oħrajn jew minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni, u kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi evitat;
 - l-azzjonijiet proposti se jikkomplementaw l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali;
 - il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Proposta baġitarja

37. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020¹⁵.
38. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-FEG, u wara li qieset in-numru ta' benefiċjarji fil-mira, l-azzjonijiet proposti u l-ispejjeż stmati, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-FEG għall-ammont ta' EUR 1 131 358, li jirrappreżenta 60 % tal-ispejjeż totali tal-azzjonijiet proposti, sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
39. Id-deċiżjoni proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stabbilit fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-

¹⁵ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba¹⁶.

Atti relatati

40. Filwaqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment ta' ammont ta' EUR 1 131 358 fl-intestatura baġitarja rilevanti.
41. Fl-istess waqt li tadotta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tadotta deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li se jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw id-deċiżjoni proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG.

¹⁶

¹⁶ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni mill-Estonja - EGF/2016/003 EE/petroleum and chemicals

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹⁷, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba¹⁸, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu l-għan li jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u fil-każ ta' persuni li jaħdmu għal rashom meta l-attività tagħhom tkun intemmet b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, jew b'riżultat ta' kriżi ekonomika u finanzjarja globali ġdida, u biex jgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013¹⁹.
- (3) Fl-11 ta' Mejju 2016, l-Estonja ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-FEG, fir-rigward ta' sensji fis-setturi ekonomiċi kklassifikati skont il-Klassifikazzjoni statistika tal-attivitàjiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea ("NACE") Reviżjoni 2 Diviżjoni 19 (Manifatturar tal-kokk u tal-prodotti tal-petroleum raffinat) u Diviżjoni 20 (Manifatturar tal-kimiċi u tal-prodotti kimiċi) fl-Estonja (ir-Repubblika tal-Estonja mhijiex maqsuma skont il-Klassifikazzjoni Komuni ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika (reġjuni tal-livell 2 ("NUTS"))²⁰). Din ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali mogħtija skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Din

¹⁷ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

¹⁸ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

¹⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-sinjura 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

²⁰ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trażmissjoni tas-serje kronoloġika għat-tqasim reġjonali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34).

l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

- (4) F'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013, l-applikazzjoni mill-Estonja titqies ammissibbli peress li s-sensji għandhom impatt serju fuq l-impjiegi u l-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali.
- (5) Għalhekk, il-FEG għandu jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 131 358 fir-rigward tal-applikazzjoni sottomessa mill-Estonja.
- (6) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed biex jiġi mmobilizzat il-FEG, din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2016, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jagħti s-somma ta' EUR 1 131 358 f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Hija għandha tapplika minn *[the date of its adoption]**.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

* Date to be inserted by the Parliament before the publication in OJ.